**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 768/2024DC**

**<u>DEGRIET KAMERALI</u>**

**F'l-Atti tal-Ittra Uffiċjali numru 2874/2024**
**f'l-ismijiet:**

***GasanZammit Motors Limited (C 57642)***

***vs***

***Khurram Saeed Qadir Khan (K.I. 30252A) u***
***Khan Group Limited (C 104212)***

Illum, 19 ta' Awwissu 2024

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ta' Khurram Saeed Qadir Khan u Khan Group Limited** preżentat fit-8 ta' Lulju 2024, permezz ta' liema għar-raġunijiet hemm premessi talbu lill-Qorti *tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali de quo u dan b'riserva ċara għad-drittijiet kollha tal-esponenti skond il-liġi.*

Rat id-digriet mgħoti tal-10 ta' Lulju 2024 permezz ta'liema ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien ġimgħa għar-risposta u rriżervat li tipprovdi dwar it-talbiet magħmula kameralment.

Rat ir-risposta ta' GasanZammit Motors Limited preżentata fit-23 ta' Lulju 2024 permezz ta' liema u għar-raġunijiet hemm premessi opponew it-talba.

Rat l-atti tar-rikors.

Ħadet konjizzjoni ġudizzjarja tal-ittra uffiċjali mertu ta' dan ir-rikors[1].

Ikkunsidrat

Illi fl-24 ta' Ġunju 2024 GasanZammit Motors Limited (hawn imsejħa "l-intimata") preżentat ittra uffiċjali kontra Khurram Saeed Qadir Khan u Khan Group Limited (hawn imsejħa "ir-rikorrenti"). Permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-intimata:

- għamlet referenza għal erbgħin (40) kambjala, aċċettati mir-rikorrenti, għall-ammont kumplessiv ta' tmintax il-elf u tmien mitt ewro (€18,800) liema ammont kien kollu dovut;
- interpellat lir-rikorrenti biex iħallas dak l-ammont flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż; u
- infurmat lir-rikorrenti:
  - ► li fin-nuqqas tal-ħlas kollu dovut kienet ser tipproċedi skond il-liġi mingħajr preavviż ieħor;
  - ► bid-dritt tagħhom, skont l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (hawn imsejjaħ "il-Kap 12") li, fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika tal-imsemmi ittra, tramite rikors, jopponu l-eżekuzzjoni tal-kambjali a bażi tal-fatt li l-firem fuq l-istess ma jappartjenux lilhom, jew lill-mandatarju tagħhom jew għal raġunijiet oħra gravi u validi sabiex jopponu tali eżekuzzjoni skont il-liġi.

Flimkien mal-ittra uffiċjali l-intimata preżentat elenku tal-kambjali u kopja ta' kull waħda minnhom.

Illi l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lir-rikorrenti fit-28 ta' Ġunju 2024.

Illi fit-2 ta' Lulju 2024 ir-rikorrenti għamlu ħlas (tramite Revoult) ta' erbgħat elef tlett mija u erbgħa u sebgħin ewro (€4,374) u l-intimata rrilaxxat riċevuta.

Illi fit-8 ta' Lulju ġie preżentat ir-rikors odjern permezz ta' liema qed jitolbu lill-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali.

Ikkunsidrat

Illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda bażata fuq l-artikolu 253(e) tal-Kap 12. Dan is-subartikolu, wara li jistabilixxi li kambjala maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ hija titolu eżekuttiv, jipprovdi li:

[1] Ħadd mill-partijiet ma preżenta kopja tagħha.

> *... qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala ... tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala ... kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala ... kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala ... esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala ... jew ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala ... tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*
>
> *L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso.*

Illi b'referenza għal din id-dispożizzjoni u l-proċedura għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala, huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li:

> *Il-proċedura odjerna hija waħda sommarja, fejn l-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti hija waħda ta' prima facie, u għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tagħmilx referenza speċifika għal 'prima facie' jew 'mad-daqqa t'għajn', il-bon sens jitlob li l-analiżi dettaljata għandha ssir fil-proċeduri li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan iwassal ukoll għal ħsieb li l-leġislatur ried li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul. In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet Charles Gatt noe vs. Joseph Vassallo Gatt noe mogħtija fil-15 ta' Novembru 1993 fejn ġie ritenut li:-*
>
>> *"Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkunsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import tal-kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal. Dan mhux permess, għax altrimenti jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*
>
> *Hekk kif l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'actio cambiaria huma limitati (u dan skont l-Artikoli 197 u 198 tal-Kapitolu 13), hekk ukoll*

> *huma limitati r-raġunijiet li a bażi tagħhom wieħed jista' jitlob sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Kif jipprovdi l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12, fuq kwotat, ir-raġunijiet għas-sospensjoni huma (a) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmata, u/jew (b) meta jkun hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospensjoni.*[2]

Illi aktar minn hekk, u in sostenn ta' dawn il-prinċipji, f'deċiżjoni, mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fl-ismijiet **Princess Holding Limited vs Wesley Kock**[3] intqal hekk:

> *24. Tant kemm xogħol il-qorti f'din il-proċedura mhuwiex li toqgħod tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha, joħroġ mill-fatt li l-liġi trid li deċiżjoni marbuta mas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjala ma titteħidx b'sentenza iżda tingħata b'digriet;*
>
> *25. Hekk ukoll, il-liġi ma titlobx li l-qorti għandha żżomm smigħ biex tisma' l-provi u ssottomissjonijiet tal-partijiet qabel tgħaddi biex tiddeċiedi jekk hija għandhiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew le. Fil-fatt, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha* ***Dr Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** *mogħtija fit-12 ta' Lulju, 2019, tenniet li digriet mogħti fi proċedura taħt l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax jitqies null għaliex ingħata bla ma kien hemm smigħ orali. Dan hu hekk għaliex il-liġi ma titlobx li għandha tinżamm seduta biex jingħata digriet taħt l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Illi għalhekk l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti f'proċeduri bħal dawn in eżami huwa wieħed prima facie u limitat għaż-żewġ ċirkostanzi imsemmija fl-artikolu 253 u ċioe jekk jiġi allegat li l-firem fuq il-kambjala mhumiex tal-persuna li allegatament iffirmat u jekk jiġu allegati raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali.

Ikkunsidrat

Illi fil-każ in eżami ir-rikorrenti mhux qed jallegaw li l-firma fuq il-kambjali mhiex tar-rikorrent Khan Khurram Saeed Qadir, lanqas m'hu qed jiġi allegat li Khan Khurram Saeed Qadir m'għandux ir-rappreżentanza tas-soċjeta Khan

---

[2] Ref **Mark Gaffarena vs Brian Lia**: Prim'Awla 27 ta' Mejju 2021.
[3] 20 ta' Diċembru 2021.

Group Limited; għalhekk biex tirnexxi t-talba odjerna jrid jintwera li jeżistu raġunijiet ġravi u validi kif rikjest fl-artikolu 253.

Illi l-artikolu 253 ma jispeċifikax x'jistgħu jkunu dawn ir-raġunijiet ġravi u validi. Dan għaliex il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, il-kwistjoni jekk dawk iċ-ċirkostanzi partikolari jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew le. Minkejja dan pero il-ġurisprudenza tagħti ħjiel ta' x'jistgħu ikunu dawn ir-"raġunijiet gravi u validi". F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni mgħotija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża **Windsor Company Limited vs Sovereign Hotels Limited**[4] fejn intqal li:

> *19. Il-gurisprudenza tixhet dawl b'ezempji ta' cirkostanzi differenti fejn giet analizzata t-terminologija ta' ragunijiet "gravi u validi". Hekk per ezempju, iI-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet* ***Michael Attard Ltd v. Turista Ltd*** *deciza fit-22 ta' Novembru, 2012, osservat illi dawn irragunijiet "gravi u validi" li jiggustifikaw is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali ma jistghux ikunu usa' mir-ragunijiet ikkontemplati mil-ligi kummercjali biex izommu milli l-kambjala tithallas:*
>
> > *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun";*
>
> *20. Mentri fis-sentenza tat-3 ta' Frar, 2012, fil-kawza fl-ismijiet* ***Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Ltd****, din il-Qorti kkunsidrat li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'ghajn li l-kambjala tkun inharget bi vjolenza jew tkun saret ghal ghanijiet li jiksru xi ligi, dawn ic-cirkostanzi jistghu jitqiesu gravi bizzejjed sabiex iservu halli titwaqqaf l-ezekuzzjoni taghhom, sakemm l-azzjoni ghat-thassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistharrga mill-Qorti. Hekk ukoll fir-rigward tar-ragunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikolu 253(e), il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar, 2008,*

[4] 27 ta' Jannar 2021.

> *fl-ismijiet* ***Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi****, citata mill-ewwel Qorti, fejn intlaqghet talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala ghar-raguni li kienet allegata uzura. F'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawza fl-ismijiet* ***Dr. Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** *fejn il-Qorti laqghet it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' promissory note minhabba allegata simulazzjoni.*

Illi fil-każ in eżami l-unika raġuni li taw ir-rikorrenti biex isostnu t-talba tagħhom hija li fil-ġurnata tal-preżentata tal-ittra uffiċjali parti sostanzjali tal-ammont dovut kien imħallas b'mod li l-ammont mitlub permezz tal-ittra uffiċjali (€18,800) ma jirriflettiex dak attwalment dovut, u li minkejja dan il-ħlas il-kambjali relattivi ma ġewx ritornati lilhom. Ir-rikorrenti ma preżentaw xi prova ta' ħlas, lanqas indikaw kemm kien l-ammont li tħallas u meta sar il-ħlas.

Illi l-intimata da parti tagħha tgħid li r-rikorrenti ħallsu biss €4,374 u li dan il-ħlas sar fit-2 ta' Lulju 2024; bħala prova ta' dan preżentat l-irċevuta relattiva. Aktar minn hekk tikkontendi li la darba r-rikorrenti mhux qed jikkontestaw li hemm ammont dovut, il-pagament indikat, wara l-preżentata tal-ittra uffiċjali, mhux raġuni gravi u validi rikjesta bl-artikolu 253(e).

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li ssir referenza għal fatt li skont ma jipprovdi l-artikolu 256(2) tal-Kap 12 it-titolu eżekuttiv li tgawdi l-intimata naxxenti mill-erbgħin kambjala fuq imsemmija ġie reż eżegwibbli jumejn wara id-data tan-notifika lir-rikorrenti tal-ittra uffiċjali preżentata fl-24 ta' Ġunju 2024, għalhekk fl-1 ta' Lulju 2024[5]. Dakinhar l-ammont dovut kien ta' €18,800 hekk kif indikat fl-ittra uffiċjali għaliex mill-atti tar-rikors jirriżulta li l-pagament ta' €4,374 sar fit-2 ta' Lulju 2024 meta t-titolu tal-intimata kien diġa reż eżegwibbli.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan il-pagament ma jaffettwax it-titolu eżekuttiv li għandha l-intimata imma jassumi relevanza biss, jekk u meta, l-intimata tkun kostretta tipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu tagħha permezz ta' xi wieħed mill-mandati imsemmija fl-artikolu 273 tal-Kap 12. Dan il-Qorti tgħidu anke in vista tal-fatt li ai termini tal-artikolu 1169(2) tal-Kodiċi Ċivili *l-ħlas ta' parti mid-dejn magħmul akkont ta' kapitali u mgħaxijiet, mingħajr ma jingħad għal liema minnhom, imur l-ewwel għall-imgħaxijiet.* Għalhekk, u tenut kont ukoll tal-fatt li fuq il-kambjali qed jiddekkorri imgħaxx sa' mid-data tal-iskadenza tagħhom, f'dan l-istadju ma jistax jingħad kemm mill-ammont ta' €4,373 imħallas mir-rikorrenti fil-fatt huwa ħlas akkont tal-kapital dovut.

[5] Ir-rikorrenti ġew notifikati fit-28 ta' Ġunju 2024.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti taqbel mal-intimata li r-rikorrenti ma seħħilhomx juri li jeżistu raġunijiet gravi u validi fil-liġi biex tiġi sospiża, imqarr in parti, l-eżekuzzjoni tal-kambjali imsemija fl-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba tar-rikorrenti dedotti fir-rikors tagħhom tat-8 ta' Lulju 2024 bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Kopja ta' dan id-degriet għandha tiġi notifikata eletronikament lil Dr Joseph Calleja Parnis u Dr Edward Mizzi

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**